**19 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Carmelo sive Charles Bray et.

*versus*

Stella Bray et.

**Simulazzjoni — Azzjoni Pawljana — "Consilium Fraudis" — "Eventus Damni" — Bejgħ — Donazzjoni — Art. 1187 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-kontraenti jagħmlu kuntratt simulat biex jgħattu kuntratt ieħor li realment riedu jagħmlu, ikun il-każ li wieħed jara liema operazzjoni riedu tassew jagħmlu, jekk il-kuntratt simulat hu dak l' riedu jagħmlu biex bih jgħattu l-kuntratt veru; imma jekk il-kuntratt simulatorju li sar huma ma riedux, allura dak il-kuntratt huwa annullabbli, għaliex ma hemmx il-kunsens tal-partijiet għall-perfezzjonament tiegħu, avvolja l-fehma tagħhom kienet li jagħmlu kuntratt simulat. Kwindi, jekk il-partijiet riedu jagħmlu*

*kuntratt ta' bejgħ biex bih jgħattu kuntratt ta' donazzjoni, dak il-kuntratt għandu jibqa' jseħħ bħala donazzjoni.*

*Is-simulazzjoni hija forma ta' frode, u hekk taqa' taħt is-sanzjoni tal-azzjoni pawljana, li l-elementi fondamentali tagħha huma il-"consilium fraudis" u l-"eventus damni".*

*Kwantu għall-"consilium fraudis", meta si tratta ta' att gratuwitu bħal ma hi donazzjoni, hu biżżejjed li jiġi pruvat biss relattivament għad-debitur; u huwa paċifikament ritenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza illi l-istess jikkonsisti fix-xjenza li bl-att qegħdha t ġi determinata l-insolvenza tad-debitur jew imnaqqsa s-solvibbiltà tiegħu; u biżżejjed jiġi pruvat li kien hemm fid-debitur ix-xjenza u l-previżjoni li l-att sejjer ikun leżiv għall-kreditur, mingħajr ma hi rikjesta l-intenzjoni li l-kreditur j'ġi defrawdat. Imma din il-prova tinkombi lil min jimpunja l-att. Jekk jiġi pruvat li d-debitur ried jibbenefika l'il-parti l-oħra, imma ma jiġix pruvat li hu ried jiffroda lill-kreditur, dan l-element ma jirrikorrix.*

*Kwantu għall-"eventus damni", hu wkoll paċifiku li dan jikkonsisti fil-pregudizzju li jsofri l-kreditur minħabba l-insolvenza tad-debitur, ċjoè li l-att tad-debitur ikun ikkaġuna preġudizzju lill-kreditur li jimpunja l-att, billi ġieb jew żied l-insolvibbiltà tad-deb tur. Jekk id-debitur ma jippruvax li l-att attakkat irrenda lid-debitur insolventi, jew li d-debitur kien insolventi u l-att awmenta dik l-insolvenza, lanqas dan l-element ma j rrikorri.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li jippremettu illi l-imsemmi Henry Bray, missierhom mill-ewwel żwieġ, qabel ma żżewweġ mal-konvenuta Stella Bray nee Busuttil, b'kuntratt għand in-Nutar Dr. Giuseppe Sammut taż-17 ta' Ottubru, 1946 (Dok. A), biegħ lill-istess Stella Bray il-fond numru 49, St. Luke Street, Paula, kif soġġett għaċ-ċens annwu perpetwu ta' £2.10.0., bil-prezz ta' £1000; u illi l-imsemmija Stella Bray, li għad ma kelliex wieħed u għoxrin sena, u li kienet seftura ma' l-istess Henry Bray, fuq l-istess att iddikjarat li qiegħeda tirċievi mingħand il-kon-

venut Angelo Vidal is-somma ta' £1000, li ġie delegat jivversa lill-venditur bħala prezz tal-fond fuq imsemmi, liema kapital, flimkien ma' l-imgħax tat-3% fis-sena, kellu jiġi restitwit lill-mutwant wara sena mid-data tal-att; u illi b'kuntratt ieħor tal-istess ġurnata, riċevut mill-istess Nutar, ġiet kanċellata l-ipoteka nskritta favur il-konvenut Angelo Vidal bħala garanzija tar-restituzzjoni tas-somma mutwata; u illi l-konvenuta Stella Bray qatt ma kellha mezzi biex tħallas l-imsemmi kapital, u li l-mutwu mgħamul mill-konvenut Vidal kien falsament intiż biex jimmaskera donazzjoni li l-mejjet Henry Bray ried jagħmel lill-konvenuta Stella Bray, u fil-fatt l-imsemmi kapital qatt ma ġie żborżat mill-konvenuta Stella Bray u lanqas mill-konvenuti l-oħra, u li għalhekk tant il-mutwu tal-kapital tal-£1000 kif ukoll il-bejgħ tal-fond fuq riferit huma simulati u magħmulin in preġudizzju u in frode tad-drittijiet tagħhom bħala eredi ta' ommhom u bħala imsejħin għall-wirt tal-istess missierhom; jitolbu illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċiż li tant il-mutwu kif ukoll il-bejgħ tal-fond fuq riferit ġew magħmula simulatament biex jimmaskeraw donazzjoni tal-konvenut Henry Bray favur il-konvenuta Stella Bray, u li għalhekk il-kuntratt relattiv huwa null u bla ebda effett; (2) il-konvenuta Stella Bray tiġi kundannata, fi żmien qasir u perentorju, tirretroċedi lill-eredità ġjaċenti ta' Henry Bray il-fond referit; u (3) fin-nuqqas din ir-retroċessjoni ssir "ope sententiae" per mezz ta' Nutar li għandu jiġi nominat biex jippublika l-att relattiv, u fil-konfront ta' kuraturi biex jirrappreżentaw l-kontumaċi. Bl-ispejjeż kontra il-konvenuti;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenuta Stella Bray, preżentata fis-7 ta' Jannar, 1959, li biha tissottometti li l-fatti riżultati juru u del resto hija tammetti, illi l-kuntratt tal-bejgħ impunjat hu simulat, fis-sens li l-fond in kwistjoni jidher "mibjugħ" mentri fil-fatt kien "donat"; li però din hi simulazzjoni relattiva biss, u mhux assoluta; il-kuntratt impunjat mhux tali li jista' jingħad "colorem habens, substantiam vero nullam", imma hu kuntratt li dwaru għandu jin-

għad "colorem habens, substantiam vero alteram". U tabilħaqq, il-fatti juru li meta Henry Bray kien sejjer jiżżewweġ lilha, huwa ftiehem magħha, u hija aċċettat, li jagħmlilha donazzjoni tad-dar li apparentement tidher li ġiet lilha mibjugħa minnflok donata, u fil-fatt hija sselfet flus biex "xtrat" il-fond, u l-istess flus ġew mill-bejjiegħ restitwiti lix-xerrejja, b'mod li realment, minflok venditur u kumpratriċi, kien hemm donanti u donatarja; li "rebus sic stantibus" il-kuntratt, skond il-ġurisprudenza paċifika, għandu jibqa' jseħħ bħala donazzjoni, hu validu bħala tali, u ma għandux jiġi rexiss; li jekk mbagħad wieħed kellu jgħaddi fil-kamp tal-azzjoni pawljana, anki hawn ir-rexissjoni mitluba ma tistax tiġi akkolta, billi ma rriżulta ebda wieħed mill-elementi rikjesti biex l-istess azzjoni tirnexxi, i.e. l-"eventus damni" u l-"consilium fraudis";

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi bħala eredi ta' missierhom Henry Bray qegħdin fl-ewwel lok, u prinċipalment, jitolbu d-dikjaratorja li l-kuntratt tal-mutwu u dak tal-bejgħ indikati fiċ-ċitazzjoni kienu simulati u ġew magħmula in preġudizzju u in frode tad-drittijiet tagħhom, u li għalhekk huma nulli u bla ebda effett;

Illi mill-provi jirriżulta b'mod lampanti li l-kuntratt tal-bejgħ impunjat hu simulat, ċjoè kien qiegħed jissimula donazzjoni, fis-sens li l-fond indikat fiċ-ċitazzjoni, li jidher li ġie mibjugħ lill-konvenuta Stella Bray, allura Busuttil, kien ġie, minflok, fil-fatt donat lilha minn Henry Bray. Dan ġie wkoll ammess mill-konvenuti Stella Bray u Evelyn Debono. Però, din l-ammissjoni, u anki l-provi msemmijin, jirrigwardaw biss il-kuntratt tal-bejgħ, u mhux ukoll dak tal-mutwu. Infatti, kif tajjeb tissottometti l-konvenuta Bray, għalkemm serva biex ikun jista' jsir aħjar il-kuntratt simulatorju tal-bejgħ, il-mutwu kien reali; għaliex tant mill-konvenut tal-kuntratt relattiv, kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut Angelo Vidal, jirriżulta li dan effettivament ħareġ il-flus £1000,u tahom b'titolu ta' self, għal sena lill-

istess konvenuta. Hu veru li dawn il-flus huwa rċevihom lura in restituzzjoni ta' l-istess self dak inhar stess li ħariġhom; dan però ma jfisserx li l-flus huwa ma ħariġhomx. Del resto, ma jirriżultax li huwa kien jaf minn qabel li dawk il-flus li ħareġ kien ser jeħodhom lura dak inhar stess li ħariġhom; għall-kuntrarju, il-provi juru li huwa qagħad ferm attent fl-operazzjoni li għamel, billi kkonsulta ruħu ma' avukat u ħa l-prekawzjonijiet kollha rikjesti għall-każ. L-atturi jissottomettu li dak il-mutwu hu affett min-nullità, skond l-artikolu 174 (b) u 1952 tal-Kodiċi Ċivili, billi dak iż-żmien il-konvenuta Stella Bray kienet xebba, missierha kien għadu ħaj, u hija kienet għad ma għalqetx l-età ta' 21 sena. Din is-sottomissjoni ma treġix; għaliex, biex ikun hemm din in-nullità skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi ċitati hemm bżonn ukoll li l-mutwu jkun sar mingħajr il-kunsens tal-missier. Issa, mill-kuntratt imsemmi jirriżulta li l-konvenuta Stella Bray, allura Busuttil, ikkuntrattat dak il-mutwu bil-kunsens, assistenza u ntervent ta' missierha Pietro Busuttil — ċirkustanza li tinsab aċċertata mix-xhieda tal-konvenuta Stella Bray u tal-konvenut Angelo Vidal, oltre li tinsab attestata min-nutar li rċieva u ppublika l-kuntratt;

Illi stabbilit li l-kuntratt tal-bejgħ hu simulat, trid issir l-indaġini dwar in-natura ta' din is-simulazzjoni. Infatti, "nella azione di simulazione la prima indagine del magistrato è la ricerca della 'causa simulandi', senza cui riesce improponibile una impugnativa per simulazione" (Vol. XXIV-II-295). Issa, hu risaput li skond id-dottrina hemm żewġ speċi ta' simulazzjoni, dik li tkun assoluta, meta l-kuntratt hu interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkontrattaw ebda obligazzjoni, "colorem habens, substantiam vero nullam", u dik relattiva, meta l-partijiet għamlu kuntratt taħt apparenza ta' ieħor, "colorem habens, substantium vero alteram" (Vol. XXIX-II-558.) Fil-każ taħt konsiderazzjoni hu evidenti, anki mill-premessi taċ-ċitazzjoni, li l-kuntratt tal-bejgħ hemm indikat hu affett minn simulazzjoni relattiva, fis-sens li l-partijiet li ħadu parti fih, Henry Bray u l-konvenuta Stella Bray, allura Busuttil, dak il-kuntratt rieduh; riedu jagħmluh, imma riedu jammaskeraw donazzjoni; ċjoè b'dak il-kuntratt huma

mhux ma *riedu jagħmlu xejn, imma riedu* li bih issir donazzjoni minn Henry Bray lil Stella Bray, allura Busuttil. Però, għalkemm sa ċertu pont, mill-premessi taċ-ċitazzjoni jidher li l-azzjoni ta' l-atturi għandha bħala bażi s-simulazzjoni relattiva — u l-iskop ta' din l-azzjoni mhuwiex id-deklaratorja ta' l-ineżistenza assoluta ta' l-att, imma li tiġi restitwita r-realtà ta' l-att u mneħħija l-forma apparenti (Vol. XXIX-II-558) — l-atturi qegħdin jiddomandaw id-deklaratorja tan-nullità tal-kuntratt ġa msemmi, daqs kieku dan il-kuntratt kien affett minn simulazzjoni assoluta. L-atturi *infatti jissottomettu li dan il-kuntratt* huwa annullabbli, għaliex il-partijiet ma rieduhx, billi huma riedu donazzjoni flok vendita, u kwindi ma hemmx il-kunsens tal-partijiet għall-perfezzjonament tiegħu. Is-sottomissjoni tal-atturi mhix korretta, fis-sens li l-istess sottomissjoni attriċi tikkonduċi għal konklużjoni opposta għal dik minnhom voluta. Il-partijiet ma marrux għand in-nutar biex jagħmlu donazzjoni u minflok in-nutar, bla ma huma kienu jafu, għamlilhom kuntratt ta' bejgħ, imma huma marru għand in-nutar biex jagħmlu l-kuntratt simulatorju ta' *bejgħ, bl-intendiment li b'dak il-kuntratt jimmaskeraw donazzjoni.* Kwindi, il-partijiet riedu dak il-kuntratt simulatorju ta' bejgħ, u kien hemm il-kunsens tagħhom għallperfezzjonament tiegħu, u għalhekk l-istess kuntratt mhux annullabbli. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell, meta l-kontraenti jagħmlu kuntratt simulat biex jgħattu kuntratt ieħor li realment riedu jagħmlu, ikun il-każ li wieħed jara liema operazzjoni riedu tassew jagħmlu, jekk il-kuntratt simulat hu dak li riedu jagħmlu biex bih jgħattu l-kuntratt veru; imma jekk il-kuntratt simulatorju li sar *huma ma rieduhx, dak il-kuntratt hu annullabbli, għaliex* ma hemmx il-kunsens tal-partijiet għall-perfezzjonament tiegħu, avvolja l-fehma tagħhom kienet li jagħmlu kuntratt simulat (Vol. XXXII-I-603). F'dan il-każ, kif ġa ssemma, il-partijiet il-kuntratt simulatorju rieduh, sebbene biex bih jgħattu l-kuntratt veru; u għalhekk, għarraġuni ġa ndikata, dan il-kuntratt mhux annullabbli, u jrid biss jiġi eżaminat liema operazzjoni l-partijiet riedu jagħmlu b'dak il-kuntratt simulatorju. Dan l-eżami hu ferm faċli; għaliex mill-provi anzi "ex admissis", jirriżulta li *b'dak il-kuntratt il-partijiet riedu li ssir donazzjoni. Għal-*

hekk il-kuntratt li sar bejn Henry Bray u Stella Busuttil fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut fiż-17 ta' Ottubru, 1946, indikat fiċ-ċitazzjoni, jiġi ritenut li sostanzjalment hu ta' donazzjoni, ċjoè bih Henry Bray iddona lil Stella Busuttil il-fond numru 49 St. Luke Street, Pawla, kif soġġett għaċ-ċens annwu perpetwu ta' £2.10.0. Dan il-kuntratt għandu jibqa' jseħħ bħala donazzjoni, hu validu bħala tali, u ma għandux jiġi annullat;

Illi għalkemm l-azzjoni esperita mill-atturi bl-ewwel domanda tidher li hi dik biss ta' simulazzjoni, billi huma qegħdin jitolbu d-dikjarazzjoni li l-att tal-bejgħ kompjut minn Henry Bray kien simulat, u kwindi null u bla ebda effett, però jidher ukoll li huma fl-istess ħin qegħdin jeżerċitaw ukoll l-azzjoni pawljana, billi jippretendu, kif jippremettu fiċ-ċitazzjoni, u kif jispjegaw fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, li l-att imsemmi ġie magħmul in preġudizzju u in frode tad-drittijiet tagħhom bħala eredi ta' ommhom. Del resto, il-bejgħ kien simulat, u s-simulazzjoni hi forma ta' frode li taqa' taħt is-sanzjoni tal-azzjoni pawljana kontemplata fl-artikolu 1187 tal-Kodiċi Ċivili (Vol. XXXII-II-392);

Illi hu magħruf li l-elementi fondamentali tal-azzjoni pawljana huma tnejn: il-"consilium fraudis" u l-"eventus damni" Fil-każ in ispeċje l-att impunjat hu dak ta' donazzjoni; u għalhekk il-"consilium fraudis" biżżejjed li jiġi pruvat biss relattivament għad-debitur, id-donant Henry Bray, u dan skond it-tielet dispost tal-artikolu 1187 ġa ċitat; appuntu għaliex l-att hu ta' indoli gratuwita (Vol XXVIII-II-551);

Illi, in kwantu għall-element tal-"consilium fraudis", hu ormaj paċifikament ritenut fid-dottrina u l-ġurisprudenza li l-istess jikkonsisti fix-xjenza li bl-att qegħda tiġi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibbilità; u li biżżejjed li jiġi pruvat li d-debitur ikun jaf li bl-att tiegħu huwa qiegħed jiddetermina jew jawmenta l-insolvenza tiegħu; li jkun hemm ix-xjenza u l-previżjoni li l-att sejjer ikun leżiv għall-kreditur, mingħajr ma hi rikjesta l-intenzjoni li jiġi defrawdat il-kreditur (Vol. XXXIX-II-866;

XXXIX-I-24). Din il-prova tinkombi lill-atturi, għaliex "*in tema* di azione di simulazione o di azione revocatoria o pauliana non milita in legge alcuna presunzione di frode, quand'anche si tratti di fatti a titolo gratuito, ma resta a lui che l'allega l'onere di provarla" (Vol. XXVIII-II-551). Issa, din il-prova l-atturi ma għamluhiex; huma *sempliċement* jirrikorru għal konġetturi, billi jissottomettu li Henry Bray għamel l-att simulatorju biex jibbenefika lit-tieni mara tiegħu, qabel ma żżewwiġha u anke meta kienet seftura miegħu, oltre minħabba d-disparità tal-età li kien hemm bejniethom, aktarx minħabba xi raġunijiet aktar minn *sentimentali*. Ebda prova l-atturi ma għamlu li l-ħsieb tad-donanti kien dak li jiffroda lill-eredi tiegħu. Kwindi dan l-element rikjest għal din l-azzjoni ma jirrikorrix;

Illi in kwantu għall-element tal-"eventus damni", kif ukoll hu paċifiku, l-istess jikkonsisti fil-preġudizzju li jsofri l-kreditur minħabba l-insolvenza tad-debitur; ċjoè li l-att tad-debitur ikun ikkaġuna preġudizzju lill-kredituri li jimpunjaw dan l-att, billi ġieb jew żied l-insolvibbilità tad-debitur (Vol. XXVIII-III-1084; XXIX-II-966). L-atturi f'dan ir-rigward jissottomettu li *l-fond donat minn* Henry Bray, għalkemm kien ġie mixtri minnu wara ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-ewwel żwieġ tiegħu, kien ġie minnu akkwistat bi flus ta' dik il-komunjoni, u għalhekk id-donazzjoni ta' dak il-fond lill-konvenuta Stella Bray tikkaġunalhom dannu, b'mod partikulari għaliex jirriżulta li fl-assi ta' Henry Bray kien hemm kwantità ta' djun, u l-unika sustanza li minnha huma setgħu jirtu xi ħaġa hu l-fond in kwistjoni, u li l-fatt biss ta' l-imsemmija donazzjoni ta' fond li fuqu huma għandhom kreditu, jikkostitwixxi dannu li jagħti lok għal din l-azzjoni, għaliex b'din l-alienazzjoni l-pożizzjoni ta' Henry Bray saret agħar minn dik li kienet teżisti qabel. Lanqas din is-sottomissjoni ma hi sostenibbli. L-atturi ma jippruvawx b'mod preċiż u konkordanti li l-fond akkwistat minn Henry Bray fil-vedovanza tiegħu wara l-mewt ta' ommhom ġie minnu mixtri bi flus appartenenti lill-komunjoni ta' l-ewwel żwieġ tiegħu. Del resto, kif tajjeb tissottometti l-konvenuta Stella Bray, anki kieku wieħed kellu jirritjeni li Henry Bray xtara dak il-fond bi flus ta' dik il-komunjoni, jew bi flus oħra li fuqhom

talvolta wliedu kellhom xi dritt, dan ma jfisserx li l-fond akkwistat minnu sar ta' wliedu, ladarba huwa xtrah f'ismu proprju u eskluživ, imma jista' talvolta jfisser li wliedu għandhom dritt ta' kreditu korrispondenti għas-somma, ipotetikament tagħhom, li huwa nefaq fl-akkwist tal-fond; f'liema każ l-"eventus damni" kien jidħol biss kemm il-darba dak il-kreditu jirriżulta, u kemm il-darba wkoll jirriżulta li dak il-kreditu baqa' mhux soddisfatt, jew ma jistax jiġi soddisfatt, unikament minħabba d-donazzjoni impunjata. Minn dan però ma jirriżulta xejn, u l-atturi ma għamlux ħaġa oħra ħlief meri allegazzjonijiet. Hu veru illi, kieku ma saretx id-donazzjoni, il-fond kien jibqa' fl-eredità ta' Henry Bray, u hekk kien ikun hemm aktar minn dak li, kif jirriżulta, l-eredi qasmu fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bonello tad-9 ta' Novembru, 1959. Dan però ma jfisserx li, kif jissottomettu l-atturi, il-pożizzjoni ta' Henry Bray wara l-aljenazzjoni tal-fond saret agħar milli kienet qabel; huma jistgħu jgħidu biss li in segwitu għal dik id-donazzjoni l-patrimonju tiegħu kien sar anqas minn dak li kien qabel. L-atturi jgħidu li dak il-fond kien l-unika sostanza li minnha huma setgħu jirtu xi ħaġa; imma, kif ukoll tajjeb tissottometti l-konvenuta Stella Bray, il-fatt stess li huma aċċettaw purament u sempliċement l-eredità ta' missierhom Henry Bray, u qasmu l-beni komponenti din l-eredità bil-kuntratt fuq imsemmi, jeskludi din l-asserzjoni tagħhom. Ebda prova ma ntagħmlet mill-atturi li d-donazzjoni tal-fond magħmula minn Henry Bray ġiebitu insolventi, jew li huwa kien insolventi u dik id-donazzjoni awmentat dik l-insolvenza. Għalhekk lanqas ma jirrikorri dan l-element rikjest għal din l-azzjoni;

Illi konsegwentement l-ewwel domanda ta' l-atturi ma tistgħax tiġi milqugħa; u lanqas ma jistgħu jiġu milqugħa d-domandi l-oħra li huma konsegwenzjali għaliha;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, wara li tiddikjara li l-kuntratt talmutwu indikat fl-att taċ-ċitazzjoni ma ġiex magħmul simulatament, li l-kuntratt tal-bejgħ indikat fl-istess att ġie magħmul simulatament biex jimmaskera donazzjoni ta'

Henry Bray favur il-konvenuta Stella Bray, u li dan l-aħħar kuntratt, li għandu jitqies u jibqa' jseħħ bħala donazzjoni, ma sarx in preġudizzju u frode tad-drittijiet ta' l-atturi bħala eredi ta' *ommhom*, tirrespinġi d-domandi ta' l-atturi. Minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż fil-konfront bejn l-atturi u l-konvenuti Stella Bray u Evelyn Debono nomine jibqgħu mingħajr taxxa; u dawk tal-konvenut Angelo Vidal iħallsuhom l-atturi, li għandhom ukoll iħallsu d-dritt tar-Reġistru.